# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 310 – It-Tnejn, 2 ta' Novembru, 2015

## AĠENDA
1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Kuntratti
5. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 309a u 309b jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Talba lil Transport Malta biex vetturi ma jdurux minn Triq Lapsi għal Triq l-Imqabba

Is-Sindku qal li wara t-talba kienet ġiet approvata minn Transport Malta, dan l-arranġament ġdid tat-traffiku ser jidħol fis-seħħ minn nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru.

Ir-Reġjun Nofsinhar se jipprovdi għal ġimgħa s-servizz ta' Gwardjani Lokali għall-perjodu ta' filgħodu biex jedukaw lis-sewwieqa.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex il-kuntrattur tal-patching jagħmel xogħol urġenti biex titranġa Triq ta' Kilpa.

### 2.2 Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi

Is-Sindku qal li kien s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkomunika mill-ġdid ma' Transport Malta biex jingħata tweġiba dwar il-proposti tal-Kunsill biex tiżdied is-sigurtà f'din it-triq.

### 2.3 Tneħħija ta' art f'Ta' Dmerjek mil-lista ta' proprjetà skedata

Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-seduta tal-appell dwar il-każ ser issir nhar it-Tlieta 1 ta' Diċembru 2015.

### 2.4 LCS 31/15 – Planting & Cleaning of Public spaces

Is-Sindku qal li kien se jikteb ir-rapport tal-aġġudikazzjoni u jiċċirkulah mal-membri tal-Bord biex eventwalment jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

# 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

### 4.1 LCS 24/15 – Collection of Bulky Refuse

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu tlett offerti. Is-Sindku ippropona li jinħatar bord ta' aġudikzzjoni iffurmat minnu, mill-Viċi-Sindku u mill-Kunsillier Dominic Grech biex jiltaqa' individwalment mal-offerenti.

Il-Viċi-Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRAJN

## 5.1 Attività tal-Milied

Is-Sindku qal li din se tibda b'attività ll-Ħadd 29 ta' Novembru marbuta mas-siġra tal-Milied imbagħad tkun mifruxa fuq jumejn u ċjoè s-Sibt 12 ta' Diċembru mis-6.00pm 'il quddiem u l-Ħadd 13 ta' Diċembru mill-10.00am sat-8:00pm. Huwa kompla jgħid li kien għad ma hemmx tweġiba mid-Dipartiment dwar l-għoti ta' fondi mill-iskema għall-attivitajiet kulturali.

## 5.2 Laqgħa tal-Lokalità

Is-Sindku ippropona li din tinżamm il-Ħamis 10 ta' Diċembru fis-6:30pm. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.3 Talba għal u-bars fi Triq Lapsi

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li kellu talba biex quddiem propjetà ġdida fi Triq Lapsi kantuniera ma' triq l-Imqabba jiġu stallati numru ta' Ubars. Is-Sindku qal li huwa kien diġà rċieva din it-talba u li kien qed jara kif l-aħjar titwettaq wara li jieħu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill.

## 5.4 Tiżjin tal-Milied

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva l-offerta għat-tiżjin ta' Pjazza San Nikola, Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa bid-dawl mill-Għaqda tal-Armar Sitta ta' Diċembru. Din l-offerta hija ta' €1,164.00

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din l-offerta. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.5 Jum is-Siġġiewi 2016

Is-Sindku qal li hu ippjanat li l-attivitajiet għal dan il-jum ikunu mifruxin fuq ġimgħatejn. Huwa ħeġġeġ lill-kunsilliera biex jipproponu attivitajiet li nistgħu norganizzaw għal din l-okkażjoni.

## 5.6 Applikazzjoni għall-Festival tan-Nar

Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-Reġjun Nofinhar ġie deċiż li terġa' tiġi organizzata l-attività Festa Nar. Huwa qal li l-Kunsilli interessati ġew mitluba japplikaw sabiex imbagħad tittieħed deċiżjoni mir-Reġjun. Huwa ippropona li l-Kunsill għandu japplika u jipproponi li b'differenza mis-sena l-oħra, l-attività ssir fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.7 Applikazzjonijiet Skemi Attivitajiet Kulturali

Is-Sindku ipppropona li għas-sena 2016 il-Kunsill għandu japplika għal żewġ attivitajijiet – Festa Għeneb u Pjazza Milied.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.8 European Week for Waste Reduction**

Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill se jieħu sehem fil-European Week for Waste Reduction. Fost l-attivitajiet se ssir attività għat-tfal fit-28 ta' Novembru.

Hija flimkien mal-Kunsillier Dominic Grech qalu li sar arranġamenti biex studenti li jkunu qed jagħmlu s-*Systems of Knowledge* jkunu jistgħu japplikaw u wara li jkunu irċevew taħriġ minn uffiċjali tal-Wasteserv, jieħdu sehem f'attività edukattiva fil-lokalità.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fid-8:00pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn 30 ta' Novembru, 2015**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 310**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 20/10/15-2/11/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | k.aquilina | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria to mayor oct15 | | | | | | |
| 2 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | sweeping oct15 | 1.10.15 | 32 | lcs13/12 | | | 11086 |
| 3 | nicholas micallef | 70.80 | 70.80 | d | pf | garr ta' generator mill-attrans festa ghene | 12.10.15 | 978605 | | | | 11091 |
| 4 | pavi | 7.92 | 7.92 | d | pf | milk pks | 21.10.15 | 2398502 | | | | 11090 |
| 5 | r.giorgino | 33.97 | 33.97 | d | pf | uniform expenses | 1.11.15 | 136306 | | | | 11090 |
| 6 | dalton's services | 500.00 | 500.00 | d | pf | transport grupp solidarjeta aug/sept15 | 21.10.15 | 33/15 | | | | 11089 |
| 7 | klikk | 125.00 | 125.00 | d | pf | monitor (dorianne's desk) | 21.10.15 | 14441 | | | | 11085 |
| 8 | k.aquilina | 568.76 | 568.76 | d | pf | sms notices to residents | 2.11.15 | 2.11.15 | | | | 11088 |
| 9 | daniel cutajar | 721.55 | 721.55 | t | pf | bulky oct15 759.50-37.98mf | 31.10.15 | 34 | lcs14/12 | | | 11087 |
| 10 | klikk | 166.20 | 166.20 | d | pf | Dynamode (maria's pc) | 30.9.15 | 14253 | | | | 11085 |
| 11 | carmelo sciberras | 60.00 | 60.00 | d | pf | sound operator press conference | 30.10.15 | 19/10/2015 | | | | 11084 |
| 12 | carmelo sciberras | 95.00 | 95.00 | d | pf | sound operator Community Chest Fund/gı | 24.10.15 | 5 | | | | 11084 |
| 13 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | t | pf | planting oct15 | 26.10.15 | 47 | lcs18/12 | | | 11082 |
| 14 | mita | 416.85 | 416.85 | d | pf | wide area connectivity oct-dec15 | 21.10.15 | 33081 | | | | 11081 |
| 15 | p.cutajar | 78.00 | 78.00 | d | pf | 2 boxes coffee | 23.10.15 | 820520 | | | | 11080 |
| 16 | dr richard sladden | 70.80 | 70.80 | d | pf | legal service case xuereb bros | 21.10.15 | rs51/15 | | | | 11075 |
| 17 | cir | 1983.76 | 1983.76 | d | pf | cir - oct15 | 15.11.15 | | | | | |
| 18 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban oct15 | 29.10.15 | 32 | lcs10/14 | | | 11079 |
| 19 | philip ta' matti | 26.00 | 26.00 | d | pf | ramel /cement festa gheneb | 25.5.15 | 649 | | | | 11078 |
| 20 | philip ta' matti | 30.00 | 30.00 | d | pf | ramel/cement festa gheneb | 4.9.15 | 651 | | | | 11078 |
| | **Sub Total c/f** | **€15,019.66** | **€15,019.66** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€15,019.66** | **€15,019.66** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 310 tat-2/11/15**

Kunsillier

# Kunsill Lokali Siggiewi

**Skeda Nru. 310**

**Data: 20/10/15-2/11/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses oct15 | 30.10.15 | | | | | 11077 |
| 22 | d.grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses oct15 | 30.10.15 | | | | | 11076 |
| 23 | employees | 5444.73 | 5444.73 | d | pf | salaries - oct15 | | | | | | |
| 24 | dr richard sladden | 531.25 | 531.25 | d | pf | case gasan mamo appeals | 30.10.15 | RS52/15 | | | | 11075 |
| 25 | waste collection ltd | 4468.06 | 4468.06 | t | pf | waste collection ltd - oct15 | 31.10.15 | 15/496 | lcs12/13 | | | 11074 |
| 26 | natasha mizzi | 387.00 | 387.00 | k | pf | cleaning council premises oct15 64.5hrs x | 31.10.15 | | lcs13/12 | | | 11083 |
| 27 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | sweeping sept15 | 1.10.15 | 32 | lcs13/12 | | | 11086 |
| 28 | ronald bezzina | 150.00 | 150.00 | t | pf | extra cleaning festa majjal 10/10/15 | 20.10.15 | | | | | 11086 |
| 29 | | | | | | | | | | | | |
| 30 | | | | | | | | | | | | |
| 31 | | | | | | | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€13,928.87** | **€13,928.87** |
| **Sub Total b/f** | **€15,019.66** | **€15,019.66** |
| **Total** | **€28,948.53** | **€28,948.53** |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 310 tat-2/11/15**

0

Kunsillier